



24.6.2010

AVVIŻ LILL-MEMBRI

Suġġett: Petizzjoni 1622/2009, ippreżentata minn Alessandro Lai, ta' nazżjonalità Taljana, dwar ir-rifjut ta' awtorità municiġpali Belġjana li toħroġ permess ta' residenza

1. Sommarju tal-petizzjoni

Il-petizzjonant jipprotesta dwar ir-rifjut mill-awtorità municiġpali ta' Etterbeek fil-Belġju biex jinħariġlu permess ta' residenza wara li skada l-permess ta' tliet xhur tiegħu. L-awtoritajiet municiġpali qed jirrifjutaw li jġedduh minkejja l-fatt li l-petizzjonant għandu dar, dħul adegwat u assigurarazzjoni tal-mard. Attwalment huwa qed ifittex impjeg, beda kors tal-lingwa u jixtieq jibqa' qrib il-Parlament Ewropew biex ilesti t-teżi tal-Masters tiegħu fil-Belġju. Huwa jixtieq ikun jaf jekk huwiex ammissibbli jew le għall-awtoritajiet Belġjani li sempliġiment ikeċċu ċittadin Ewropew ta' nazżjonalità Taljana li bl-ebda mod mhuwa ta' piż għall-Istat Belġjan.

2. Ammissibilità

Iddikjarata ammissibbli fid-19 ta' Frar 2010. Il-Kummissjoni ġiet mistiedna biex tagħti informazzjoni (Artikolu 202(6) tar-Regoli ta' Proċedura).

3. Risposta tal-Kummissjoni, li waslet fil-25 ta' Marzu 2010.

Flimkien mal-petizzjoni, iċ-ċittadin baġħat ukoll ilment lill-Kummissjoni Ewropea. Fid-dawl tal-elementi msemmija fl-ilment, fit-2 ta' Frar 2010 il-Kummissjoni Ewropea kitbet lir-Rappreżentant Permanenti Belġjan għall-UE bil-għan li tikseb spjegazzjonijiet dwar il-każ tal-petizzjonant. B'mod partikolari, il-Kummissjoni talbet fl-ittra msemmija qabel, lill-petizzjonant biex jippreċiża għaliex iċ-ċittadin tal-UE rċieva l-ordni biex jitlaq mit-territorju Belġjan.

Il-Kummissjoni se żżomm lill-Kumitat għall-petizzjonijiet infurmat dwar l-andament ta' din

il-petizzjoni.

4. Risposta tal-Kummissjoni, li waslet fl-24 ta' Ġunju 2010.

Il-Kummissjoni kitbet lir-rappreżentanti tar-Renju tal-Belġju biex tikseb spjegazzjoni dwar:

- 1) l-ordni ta' tluq mit-territorju indirizzat lill-petizzjonant (ta' ċittadinanza Taljana);
- 2) id-deċiżjoni tal-awtoritajiet tal-Belġju li tinforma lill-petizzjonant dwar ir-rifjut għad-dritt ta' residenza fil-Belġju.

Il-Belġju (il-Ministeru tal-Intern), wieġeb lill-Kummissjoni dwar l-ordni ta' tluq mit-territorju tal-petizzjonant, u qal li dan kien żball amministrattiv. Barra minn hekk il-Belġju ta l-permess ta' residenza lill-petizzjonant, billi offrietlu ċertifikat ta' reġistrazzjoni validu għal perjodu ta' ħames snin li beda fl-20 ta' Jannar 2010.